MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2007

Numru. 642/2007

Il- Pulizija
(Spettur Nezren Grixti)

-vs-

Etienne Mizzi,
Clayton Fenech,
Anthony Zammit

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija:

Etienne Mizzi ta’ 29 sena, bin Michael u Salvina nee’ Cassar, Residenti Blk X2, Flat 3, Triq id- Deheb Fin, Qormi, mwieled gewwa tal- Pieta’ fl- 10 ta’ Gunju 1978, detentur tal- karta tal- Identita’ bin- numru 436678M.

U

Clayton Fenech ta’ 17 il sena, bin Joseph u Maria Dolores nee’ Cassar, residenti 103, Victory Street, Qormi, mwieled gewwa tal- Pieta fl- 4 ta’ Ottubru 1989 detentur tal- karta tal- Identita’ bin- numru 461189M.

U

Anthony Zammit ta’ 22 sena, iben Joseph u Alice nee’ Fenech, residenti Joealice, Triq Amleto Spiteri, Qormi, mwieled gewwa tal- Pieta’ f’ 21 ta’ Novembru 1984, Detentur tal- karta tal- Identita’ bin- numru 206685M.

Akkuzati talli fil- lejl ta’ bejn id- 29 u t- 30 ta’ Lulju 2007 gewwa Ta’ Qali:-

1. Ikkommettew serq ta’ stereo u apparat iehor elettroniku minn go vettura ta’ l- ghamla Vauxhall Corsa bin- numru tar- registrazzjoni JAA452 ghad- detriment ta’ Anthony Farrugia ID. 198271M minn San Gwann, liema serq huwa kkwalifikat, bil- hin, bil- valur u bix- xorta tal- haga misruqa; u dan bi ksur tal- artikolu 261(c)(f)(g) 267, 270 u 271 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
2. U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ fl istess karozza b’ numru ta’ registrazzjoni JAA452, ghad- dannu ta’ Anthony Farrugia ID 198271M minn San Gwann, liema hsara hija ta’ izjed minn hames mitt lira (Lm 500); u dan bi ksur tal- artikolu 325(1)(a) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
3. U aktar talli fl- istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f’ dawn il- Gzejjer, xjentemnent laqaw ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’ kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bix- xorta tal- haga misruqa u dan bi ksur tal- artikolu 334 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
4. Ukoll talli Etienne Mizzi u Clayton Fenech, nhar id- 29 ta’ Lulju 2007, gewwa Ta’ Qali u f’ bnadi ohra f’ dawn il- gzejjer naqsu milli jharsu xi wahda mill- kundizzjonijiet imposti fuqhom mill Qorti tal- Magistrati, Malta, Magistrat

Dr. Audrey Demicoli LL.D. fid- digriet taghha li bih tat il-helsien mill- arrest taht garazija, ghaldaqstant il- Qorti giet gentilment mitluba sabiex tirrevoka l- helsien mill- arrest ta’ l- imputati kif ukoll tarresta mill- gdid lill- imputati u dan bi ksur tal- artikolu 579 (2), (3) tal- Kap 9 tal- Ligijet ta’ Malta.

5. U aktar talli Anthony Zammit wahdu kiser provediment ta’ sentenza sospiza li saret definittiva datata 08 ta’ Marzu 2007 mill- Mag. Dr. S. Demicoli LL.D.

6. U fl- ahhar nett talli Etienne Mizzi wahdu sar ricediv b’ diversi sentenzi li saru definittivi moghtija mill- Qorti ta’ Appell (Malta) datati 01.08.2002 u 24.02.2003 kif ukoll mill- Qorti tal- Mag. Dr. A. Mizzi LL.D. 09.08.2006 u mill- Mag. Dr. A. Vella LL.D. 11.10.2006 u dan ai termini ta’ l-artikoli 49, 50, 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(c)(f)(g), 267, 270, 271, 289, 325(1)(a), 334, u 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dawn il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni sabiex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat il-verbal ta’l-udjenza mizmuma fil-31 ta’ Lulju 2007 meta l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-valur ta’ l-oggetti misruqa ma jeccediex l-elf lira Maltija (Lm1000).

Rat l-istess verbal fejn il-partijiet qablu li t-tielet imputazzjoni (dedotta fil-konfront tat-tlett imputati) hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Rat li kull wiehed mill-imputati ammetta dawk l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritilhom l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghthom zmien biex jahsbuha.

Rat id-dokumenti prezentati inkluz il-fedina penali ta’ l-imputati.

Semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi f'l-udjenza mizmuma minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja fil-31 ta' Lulju 2007, l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u konsegwentement l-imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-Qorti m'hiex ser tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni stante li din hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li giet ammessa mit-tlett imputati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni r-reati adebieti lill, u l-fatti relevanti ghal, kull wiehed mill-imputati.

Illi Etienne Mizzi gie adebiet b'l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba, u s-sitt imputazzjoni u cioe dawk ta' serq, hsara volontarja li fic-cirkostanzi ta' dan kaz ghandha titqies bhala mezz ghall-fini tas-serq indikat f'l-ewwel imputazzjoni, ricettazzjoni li taghha l-Qorti m'hiex ser tiehu konjizzjoni, ksur ta' kundizzjonijiet imposti ghall-helsien mill-arrest, u recidiva.

Illi huwa veru li Mizzi rregistra l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri pero l-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni l-fedina penali refrattarjissima ta' dan l-imputat li donnu ma riedx jiehu l-opportunitajiet li nghata mill-Qorti biex jipprova jirriforma ruhhu. Fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz l-unika triq hija dik ta' prigunerija effettiva minbarra r-revoka tal-helsien mill-arrest u t-telf tad-depozitu u l-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta.

Illi Clayton Fenech gie adebiet b'l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjoni u cioe dawk ta' serq, hsara volontarja li hija mezz ghall-fini tas-serq indikat f'l-ewwel imputazzjoni, ricetazzjoni li taghha l-Qorti m'hiex ser tiehu konjizzjoni, u ksur ta' kundizzjonijiet imposti ghall-helsien mill-arrest preventiv.

Illi Clayton Fenech ghandu fedina penali netta, ammetta f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. In oltre huwa ghadu minorenni ghalhekk japplika fil-konfront tieghu l-artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghall-imputazzjonijiet ta' serq u hsara volontarja Fenech m'ghandhux jinghata prigunerija effettiva. Fir-rigward tal-ksur tal-kundizzjonijet ghall-helsien mill-arrest preventiv l-Qorti hija tal-fehma li ghandu jkun hemm sanzjonijet adegwati b'mod li Fenech forsi jirrealizza darba ghal dejjem x'inhi l-karcerazzjoni u x'konsegwenzi jista' jgib agir illegali. Ghalhekk anke fil-konfront ta' Fenech il-Qorti ser timponi s-sanzjonijet previsti mill-Ligi.

Illi Anthony Zammit gie adebiet b'l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjoni u cioe dawk ta' serq, hsara volontarja li hija mezz ghall-fini tas-serq indikat f'l-ewwel imputazzjoni, ricettazzjoni li taghha l-Qorti m'hiex ser tiehu konjizzjoni, u kommissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Illi Zammit ghandu fedina penali netta hlif ghal reat wiehed iehor li ghalih gie kundannat tlett xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. Dan l-imputat ukoll ammetta f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Tenut kont ta' dan l-Qorti hija tal-fehma li huwa ghandu jinghata l-ahhar opportunita biex jirriforma ruhu minghajr ma jiskonta prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi,

U wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(f)(g), 267, 270, 271, 289, 325(1)(a) 334, u 579 kif ukoll l-artikoli 279, 280, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Etienne Mizzi** hati ta'l-ewwel it-tieni u s-sitt imputazzjoni u tikkundannah ghall-perjodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 532A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200 lill-parte leza fi zmien tlett (3) xhur; fuq ammissjoni issibu hati ukoll tar-raba imputazzjoni u tikkundannah ihallas multa ta' mitejn lira maltija (Lm200) in oltre tirrevoka d-degriet datat 22 ta' Gunju 2006 mghoti minn din il-Qorti kif diversament

preseduta fil-kawza Pulizija kontra Etienne Mizzi et (Magistrat Dr Abigail Lofaro) u konsegwentement tordna l-arrest mill-gdid ta' Etienne Mizzi u li s-somma ta' seba telef lira Maltija (Lm7000) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta; peress li t-tielet imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha. In oltre il-Qorti tordna lid-Direttur tal Facilita Korretiva ta' Kordin sabiex jassigura li Etienne Mizzi jkollu l-kura u l-ghajnuna kollha li jkun mehtieg ghall-problemi li ghandu relatati mal-abbuz tad-droga.

U wara li rat l-artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271, 289, 325(1)(a) 334, u 579 kif ukoll l-artikoli 37, 279, 280, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Clayton Fenech** hati ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghall-perjodu ta' xahrejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigi sospiez ghal perjodu ta' sentejn; in oltre b'applikazzjoni ta' artikolu 28H tal-istess Kap 9 il-Qorti qed tordna lill-hati biex ihallsu lill-parti leza s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) fi zmien tlett (3) xhur bhala kumpens ghad-danni; fuq ammissjoni issibu hati ukoll tar-raba imputazzjoni u tikkundannah ihallas multa ta' mitejn lira maltija (Lm200) in oltre tirrevoka d-degriet datat 8 ta' Gunju 2006 mghoti minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kawza Pulizija kontra Etienne Mizzi et (Magistrat Dr Antonio Mizzi) u konsegwentement tordna l-arrest mill-gdid ta' Clayton Fenech u li s-somma ta' elfejn u mitt lira Maltija (Lm2100) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta; peress li t-tielet imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28H jekk ma jikkonformax ruhu ma' l-ordni ta' hlas ta' kumpens.

In oltre il-Qorti tordna lid-Direttur tal Facilita Korretiva ta' Kordin sa biex jassigura li Clayton Fenech jkollu l-kura u l-

ghajnuna kollha li jkun mehtieg ghall-problemi li ghandu relatati mal-abbuz tad-droga.

U wara li rat l-artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271, 289, 325(1)(a) u 334 kif ukoll l-artikoli 28A-H, 279, 280, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Anthony Zammit** hati ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghall-perjodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigi sospiez ghal perjodu ta' sentejn; in oltre b'applikazzjoni ta' artikolu 28H tal-istess Kap 9 il-Qorti qed tordna lill-hati biex ihallas lill-parti leza s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) fi zmien tlett (3) xhur bhala kumpens ghad-danni; fuq ammissjoni wkoll issibu hati tal-hames imputazzjoni u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28B tordna li l-perjodu operattiv indikat fis-sentenza moghtija fil-konfront tal-hati Anthony Zammit datata 08 ta' Marzu 2007 mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D ghandu jkun estiez ghall-perjodu gdid ta' sentejn mill-llum; peress li t-tielet imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28H jekk ma jikkonformax ruhu ma' l-ordni ta' hlas ta' kumpens.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------